MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 309/2006

**Stencil Pave Limited (C30019)**

**Vs**

**Peter Cordina (I.D. No. 33049M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta’ April, 2006, fejn gie premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ elf, tliet mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1,355.38) dovuti minnhu bhala bilanc tal-prezz tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu, liema xoghlijiet huma elenkati fl-anness Dokument ‘A’; Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas tas-somma dovuta, il-konvenut baqa` inadempjenti minghajr ebda raguni valida

fil-ligi, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-23 ta’ Marzu 2005 u tas-6 ta’ Mejju 2005 u bl-imghaxijiet legali b’effett mill-25 ta’ Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut pprezentata fis-26 ta’ April, 2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol, ossia l-appalt ma` giex esegwit skond il-ftehim pattwit; Illi x-xoghol esegwit ma sarx skond l-arti u s-sengha kif del resto gie ammess minn Arthur Farrugia u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistghax titlob hlas. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b’rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` l-provi kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ndikata fl-Avviz bhala bilanc ta’ prezz ta’ xogholijiet ezegwiti minnha fuq inkarigu u a beneficcju ta’ l-istess konvenut.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien ghamel ordni ta’ xogholijiet minn ghand is-socjeta` attrici u f’dan is-sens gie esebit DOK AF1 u DOK AF 2, li hija kwotazzjoni accettata mill-konvenut bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt ghax-xoghol ordnat mill-istess konvenut.

Illi s-socjeta` attrici s-sub-kuntrattat ix-xogholijiet minnha ordnati u in effetti x-xogholijiet maghmula ghand il-konvenut saru minn certu Marvin Zammit.

Illi mill-provi jirrizulta, u jidher illi hemm qbil anke bejn l-istess partijiet u l-fuq msemmi Marvin Zammit, illi parti mix-xogholijiet ma’ sarux sewwa u ghalhekk jidher illi

huwa gustifikat l-ilment tal-konvenut mix-xogholiijiet lilu maghmula jew parti minnhom.

Di fatti, Arthur Farrugia, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, jghid :

“*Meta jiena kont accedejt fuq il-post, s-Sinjuri Cordina kienu lmentawli minn xi partijiet mix-xogholijiet li ma kienux kuntenti bihom. Jiena di fatti tkellimt dak il-hin mal-kuntrattur, li kien prezenti ukoll. Jiena ghidtilhom u spjegajtilhom illi dan huwa xoghol ta’ concrete u l-perfezzjoni hija mpossibli, pero` dakinhar kont offrejtilhom tlett soluzzjonijiet. L-ewwel soluzzjoni kienet illi jinqalghu l-partijiet fejn is-Sinjuri Cordina ma kienux kuntenti bihom u jergghu isiru mill gdid. It-tieni soluzzjoni kienet illi naghtuhom skont mill-prezz. It-tielet soluzzjoni kienet illi nnehhu x-xoghol kollu illi kien sar u nirriprestinaw kollox fi stat originali tieghu*”.

Marvin Zammit – il-persuna illi effettivament esegwiet ix-xogholijiet – stqarret (11.12.06) illi l-cracks “*huma konsegwenza naturali tal-gibda tal-konkos peress illi l-wicc kien mikxuf*”. Jghid wkoll illi dawn il-cracks jistghu jigu rrangati billi jimtlew u “*terga` tissilja kollox*”.

Il-konvenut (22.02.07) xehed illi mal-ftehim hallas hames mitt Liri Maltin (Lm500) fuq kont ta’ madwar elf u tmien mitt Liri Maltin (Lm1800) . Jghid illi biss wara gimghatejn/tlieta bdew jidhru xi difetti bhal ma huma xquq u l-kulur griz beda jinqaleb f’isfar. Jghid illi s-socjeta` attrici kienet offrietlu illi peress illi x-xoghol kien hazin – “*offrieli illi jaqla` kollox u jerga` jsir ix-xoghol mill-gdid*”.

Jilmenta illi dan ma kienx “*il-final product illi kien weghdni r-rapprezentant tas-socjeta` attrici*”. Jghid illi li l-cracks jimtlew mhux xoghol accettabbli ghalih.

F’xhiedha ulterjuri in kontro-ezami, (19.04.07), il-konvenut Peter Cordina jikkonferma illi saritlu l-offerta li x-xoghol jerga` jsir kollu mill-gdid u jghid illi ma’ accettax l-offerta illi x-xoghol jerga` jsir kollu mill-gdid ghax fost ohrajn “*ma stajtx nerga` naccetta illi nghaddi minn tlett gimghat*

*minghajr servizzi u bil-problema ta' access ghad-dar tieghi*".

Marvin Zammit, (19.04.07), il-persuna li effettivament ezegwiet ix-xogholijiet ghand il-konvenut kif sub-kuntrattat mis-socjeta` attrici, jikkonferma wkoll illi l-konvenut "*id-difett rah u d-difett hareg mill-ewwel. Id-difett hareg appena hsilna, ezatt qabel lestejna x-xogholijiet*" – u jikkonferma wkoll illi ttiehdet decizjoni illi x-xoghol jerga' jsir mill-gdid.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ghalhekk jirrizulta car illi x-xogholijiet huma difettuzi u s-socjeta` attrici, anke jekk tramite is-sub-kuntrattur taghha, ma wettqitx ix-xogholijiet minnha ordnati u li ghalihom qed titlob il-hlas, skond is-sengha u l-arti u kif miftiehem bejnha u bejn il-konvenut.

U li kieku it-Tribunal kellu jieqaf hawn, kieku jakkolja l-eccezzjonijiet tal-konvenut (*exceptio non rite adempleti contractus*) u jichad it-talbiet attrici, jekk xejn fuq l-ammisjoni stess tas-socjeta` attrici u s-sub-kuntrattur taghha illi x-xogholijiet ma sarux tajjeb.

Illi pero` dan ma jistax isir ghax jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici offriet li terga` taghmel ix-xoghlijiet mill-gdid. Jirrizulta ukoll illi dawn ma sarux ghax il-konvenut ma ridx ghar-ragunijiet tieghu minnhu msemmija u ghazel minflok illi ma jhallasx il-bilanc tal-prezz.

Illi fuq kollox il-ftehim ta' bejn il-kontendenti huwa regolat b'kuntratt – DOK AFI u DOK AF2 – li mhux kontestat mill-konvenut. Kif jindika anke l-istess ftehim – *Conditions of Contract* – il-ftehim jaghmel ligi bejn il-partijiet u jirregola r-relazzjoni kontrattwali ta' bejniethom.

Jirrizulta mill-istess ftehim accettat u maqbul bejn l-istess partijiet illi l-garanziji offerti mis-socjeta` attrici ghandhom validita` sakemm jghaddi perjodu ta' 30 gurnata mid-data tad-delivery jew id-data tal-tlestija tax-xogholijiet (para 5).

Illi l-ilmenti bdew mill-ewwel u ghalhekk l-garanziji offruti mis-socjeta` attrici huma applikabbli ghal kaz in ezami.

Illi paragrafu sitta (6) jistipula wkoll pero` illi "*the liability of the company shall, in all cases, be limited to the replacement of the defective works or products…….*".

Illi s-socjeta` attrici dan offriet li taghmlu u l-konvenut irrifjuta ghar-ragunijiet minnu msemmija fix-xhieda tieghu. Is-socjeta` attrici intavolat il-kawza biss meta l-offerta minnha maghmula baqghet ma gietx accettata mill-konvenut.

Dan maghdud allura, ma jistghax jinghad illi s-socjeta` attrici ma assumietx l-obbligi kontrattwali taghha skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, anke jekk jirrizulta illi x-xoghol minnha maghmula fuq inkarigu tal-konvenut ma sarux tajjeb u skond is-sengha u l-arti.

Sa hawnekk allura jidher illi z-zewg partijiet ghandhom ir-ragunijiet validi taghhom.

Dan it-Tribunal ghandu ukoll il-limitazzjonijiet fil-gurisdizzjoni tieghu kif sancit bil-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 7 ta' l-istess ligi pero` ighid ukoll illi t-Tribunal ghandu jaqta` kull talba li jkollu quddiemu <u>principalment skond l-ekwita`</u>.[1]

It-Tribunal ma ghandux dritt, anke jekk a bazi ta' ekwita`, li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu.[2] Madanakollu biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi applika sewwa jokkorri li wiehed jadotta il-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjonijiet tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process u janalizzhom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza u jfisser ghalhekk ezercizzju tal-konsiderazzjonijiet tal-kuntratt inniffsu, l-esekuzzjoni tax-xogholijiet pattwiti, l-allegazzjoni

---

[1] Sottolinear ghall-emfasi tat-Tribunal
[2] Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana (Appell – 27.10.2000) fost hafna ohrajn.

li dawn l-istess xogholijiet ma sarux kif titlob is-sengha u l-arti u considereazzjonijiet ohra rilevanti u konkomitanti ….[3]

Addottata l-gurisprudenza taghna mill-Qrati Superjuri kif hawn fuq kkwotat, allura it-Tribunal, qieghed f'din il-kawza jikkunsidra illi l-kuntratt tax-xoghol - DOK AF 1 u DOK AF2 - huwa in effetti ligi bejn il-partijiet u jekk jieqaf hawnekk ikollu jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma mitluba mis-socjeta` attrici, in kwantu illi s-socjeta` attrici offriet ir-rimedji skond il-garanziji minnha assunti, liema rimedji, ossia illi x-xoghol jinqala' kollu u jsir mill-gdid, ma gewx accettati BISS mill-konvenut ghar-ragunijiet minnhu moghtija.

Imma rinfaccjat appuntu bil-fatt illi s-socjeta` attrici stess rat illi hemm lok illi x-xoghol kollu jinqala` u jerga jsir mill-gdid, bil-fatt allura illi ma hemmx disputa dwar l-estent tal-hsarat, dwar il-fatt illi x-xoghol ma sarx tajjeb, dwar il-fatt illi d-difetti fix-xogholijiet tfaccaw mill-ewwel, dwar l-iskarigg u l-problemi li ghaddha minnhom il-konvenut u l-familja tieghu, it-Tribunal bilfors illi ser ikollu jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjonijiet tieghu u ma jaqbadx u jaqta` u jiddeciedi biss a bazi tal-kuntratt u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas kif minnhu mitlub.

It-Tribunal b'dana kollu ihoss ukoll illi ghandu jesprimi l-hsieb tieghu illi una volta illi s-socjeta` attrici offriet l-aqwa rimedju possibbli li setghet toffri, ossia illi x-xoghol kollu jerga` jsir mill-gdid, anke jekk jista` jsir xoghol rimedjali fuq dak li hemm, u kienet biss l-intransigenza tal-konvenut li dan ma sarx, dan ghandu definittivament jimmilita` a favur l-istess socjeta` attrici. Mhux ghalhekk dubitat illi s-socjeta` attrici agixxiet b'buona fede. Di piu`, tajjeb jew hazin, it-Tribunal izomm ukoll quddiem ghajnejh illi x-xoghol ppresetat mis-socjeta` attrici baqa` ghandu u fil-pussess tal-konvenut u baqa` jaghmel uzu minnhu fl-istat li hu.

---

[3] Edwin Vella vs Joanna Briffa (Appell – 07.05.2004)

It-Tribunal iqieghed ghalhekk fuq naha l-wahda tal-mizien, il-fatt illi x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, l-inkonvenjent ikkawzat lill-konvenut u l-familja tieghu u l-fatt illi d-difetti irrizultaw mill-ewwel u fuq in-naha l-ohra, il-fatt illi, eccetto dak li ghadu kemm intqal, is-socjeta` attrici ottemprat ruha mal-kundizzjonijiet u l-obbligazzjonijiet minnha miftehma u offriet l-ottima alternattiva lill-konvenut, li kieku giet accettata mill-istess konvenut, kieku il-vertenza ma wasslitx hawnekk u possibbilment kienet tinghalaq b'sodisfazzjoni ghaz-zewg partijiet, oltre` l-fatt illi x-xoghol pprestat mis-socjeta` attrici baqa` tajjeb jew hazin, uzat mill-konvenut.

Opposta kif inhi it-talba attrici mill-konvenut bl-*exceptio non rite adempleti contractus*, it-Tribunal, a bazi tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, sejjer ghalhekk jilqa` t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf, hames mija u tmienja u sebghin Euro u disa` u hamsin Euro centezmu (€1578.59) – (Lm677.69), u dan wara illi ha in konsiderazzjoni il-fatt illi gja thallsu hames mitt Liri Maltin (LM500) mill-konvenut fit-2 ta' Awissu 2004, u qieghed *ex aequo et bono* jiddividi il-kont bilancjali nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu u wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qieghed b'ekwita` jilqa` in parti l-eccezzjonijiet tal-konvenut u in parti it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, hames mija u tmienja u sebghin Euro u disa` u hamsin Euro centezmi (€1578.59), bl-imghax fuq din l-istess somma mill-llum.

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ai termini ta' l-Artikolu 223(3) tal-KAP 12 tal-Lgijiet ta' Malta, kull parti ghanhda tbati l-ispejjes taghha ta' din l-istanza hi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------